MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 147/2014

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Carlo Galea (ID 348069M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** s-Socjeta' Attrici qed titlob minghand il-Konvenut il-hlas ta' tlett mija ghaxar Ewro erbgha u sebghin centezmi (€310.74c) ghal servizzi tal-kommunikazzjoni bl-akkont nru A/C 50835353 u dana skond id-dokumenti esibiti mal-AVVIZ – Dok IZY 1 sa 4 (ara *fol* 3-7 u 24-68)

B'RISPOSTA il-Konvenut qal:

1. It-talbiet huma nfondati ghax l-ammont hu suggett ghall-ftehim fejn hu ma kellux ihallas tal-linja imma kien hemm numri tat-telefon li stante li kienu sub-contracters kellhom rata sussidjarja u ghalhekk mhu dovut xejn.

2. Preskrizzjoni skond il-ligi.

3. Hu ma ffirma ebda ftehim.

**Ra** li fl-udjenza tat-30 ta’ April 2015 il-Konvenut qal li kien preparat ihallas €70.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu siltiet biss mill-provi li jitqiesu ma dak kollu li sama t-TRIBUNAL u mad-dokumenti esibiti – kollox kif jinsab fl-atti tal-kawza.

2. **Simone Whiteman** ghas-Socjeta’ Attrici qalet li l-Konvenut kien klijent skond il-kuntratt *a fol* 3 – Dok IZY1 u huwa beda f’Settembru 2008 u dana b’kuntratt ghalih wahdu. Mill-kitba *Joegal scheme* jidher li kien parti minn kumpanija specifika u “dawn ikollhom rati specifici ghax ikunu mpjegati ta’ dik il-kumpanija, jintlahaq *agreement* bejn il-kumpanija u l-GO”.

3. Ziedet li dettalji tal-*agreement* ma kellhomx u “ma nahdimx specifikatament mal-kuntratti” u dak li qalet kien “milli jidher”. Jidher li kien hemm beneficcji specjali ghal hemm “intra 6”. Mistoqsija aktar dwar il-kaz partikulari ma setghetx tghid. Xi jfissru n-numri 137157 qalet li ma tafx izda fejn huma “without a charge” (fol 61) u fejn “with charge” (*fol* 38). Ara *fol* 74/75 ghax-xhieda shieha tax-xhud. Hi esibiet ukoll Dok SW1 (*fol* 77)

4. **Il-Konvenut Carlo Galea** xehed bid-dettal dwar ir-relazzjoni taghhom mas-Socjeta’ Attrici (*fol* 75/76 u *fol* 81/82) fejn ta dettalji li wiehed jirriferi direttament ghalihom. Irrifera ghat-trattativi mal-GO u li kien offra €70.00.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. L-ewwelnett trid titqies l-eccezzjoni nru 2, dik ta’ xorta preliminari, dwar preskrizzjoni, li ma ssemi ebda artiklu partikularti tal-ligi. Ghat-TRIBUNAL din l-eccezzjoni *non est in mundo*, iqisha haga “mitluqa ghal saqajha” u ta’ min jiddeplora.

2. Is-Socjeta’ Attrici ressqet xhud li, *ex admissis* ma setghetx tixhed awtorevolment fuq il-pretensjoni attrici. Qalet, u hawn b’lejalta’ ta’ min ifahharha, li ma tahdimx specifikatament mal-kuntratti imma llimitat ruhha li tispjega “milli jidher”. Dan hux il-mod kif jitressqu provi. Id-dokumenti, dettaljati kemm kienu dettaljat, iridu jigu konfermati b’gurament u min jaghmel dan irid ma jaghmlux qisu b’rutina izda jrid ikun lest jispjega skond kif jintalab.

3. Hawn it-TRIBUNAL josserva li wara x-xhieda ta’ Simone Whitman is-Socjeta’ Attrici ma hassitx il-bzonn li titlob li tinghata l-opportunita’ li tressaq xhud ahjar in sostenn tat-Talba. Dan kollu jwassal biex it-TRIBUNAL jikkonkludi li s-Socjeta’ Attrici ma ppruvatx il-kaz taghha kif titlob il-ligi *in civilbus* u t-

Talba ser tigi milqugha biss sal-*quantum* ta’ sebghin Ewro (€70.00c) li offra l-Konvenut fl-udjenza tat-30 ta’ April 2015.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjoniji dwar il-preskrizzjoni (2) **jilqa** t-Talba Attrici fil-*quantum* ta’ sebghin Ewro (€70.00c) u **jichadha** dwar il-bqija (3) **jilqa** z-zewg eccezzjonijiet l-ohra limitatament biss u in kwantu kompatibbli mat-Talba kif milqugha (4) **jikkundanna** lill-Konvenut biex ihallas lis-Socjeta’ Attrici s-somma ta’ sebghin Ewro (€70.00c) fi zmien sitt ijiem b’dana li f’kaz ta’ nuqqas jibda ghaddej l-mghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u, fic-cirkostanzi (5) **jordna** u **jiddeciedi** li dwar spejjes din tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------